**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 292 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs**

***Omissis***

Illum, 9 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant *Omissis* ta' 26 sena bin Anthony u Anna nee' Borg imwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu, 1991, residenti gewwa l-fond numru Flat 1 Qasam Bini tal-Gvern Rinella Kalkara u/jew 3 Wesgha l-Knisja tan-Nattivita' Blokk B Bormla u detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 207891 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-Gzejjer bejn l-ghaxra ta' filghaxija tat-3 ta' Gunju 2017 u d-disgha u nofs ta' filghodu tal-4 ta' Gunju 2017 gewwa l-fond 3 Wesgha l-Knisja tan-Nattivita' Blokk B Bormla

1) Ikkommetta offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' *Omissis* u dan sar b' aggravju peress li l-vittma hi bintu ta' seba' xhur

2) Ikkommetta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' *Omissis*, u dan sar b' aggravju peress li l-vittma hi l-partner tieghu u omm uliedu

Ukoll talli fil-5 ta' Gunju 2017 u fil-granet, gimghat u xhur precedenti f' dawn il-gzejjer, f' diversi lokalitajiet, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

3) Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe' lil *Omissis* kontra l-volonta' taghha, mizmuma jew issekwestrata, ihallas dejn, jew jezegwi xi obbligazzjoni, hedded bil-mewt li tkun, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 85, 86, 87(1)(a), 87(1)(c), u 87(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) Ikkommetta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' *Omissis*, u dan sar b' aggravju peress li l-vittma hi l-partner tieghu u omm uliedu
5) Bl-imgieba tieghu kkaguna lil *Omissis* l-partner tieghu biza' li se tintuza vjolenza kontriha, kontra uliedhom minuri; *Omissis* u *Omissis* u kontra familjari ohra taghha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se jikkaguna lil *Omissis* u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6) Talli gab ruhu b' tali mod li kien jew li missu kien jaf li kien ta' fastidju lil *Omissis*, partner tieghu u omm uliedu, u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, immobbli jew mobbli u cioe propjeta ta' *Omissis* ai termini tal-Artikolu 325(1)
8) Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil *Omissis*, missier *Omissis* l-partner tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) Kap 9
9) Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-kodici kriminali jew kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni Art 339(1)(e)

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittmi *Omissis*, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis* u familjari ohra taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija l-imsemmi *Omissis* jhallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f' dik id-direttiva bhala kumpens ghal da it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunata permezz tar-reat u dan skond ma hu mahsub taht l-Artikolu 532A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli l-istess imputat kiser il-provvediment tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta.

F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula skond l-artikoli 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-30 ta' Ottubru 2019 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216, 222 (1) (a), 221 (1), 202 (h), 18, 86, 87 (1) (c) u (h), 251 B, 251 A (1) (2) (4), 251 A (4), 325 (1) (c), 17, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu erba' (4) snin prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tminn (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum fejn il-persuni protetti huma *Omissis*, *Omissis* u *Omissis*.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-vittmi koncernati l-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittmi kif ukoll isem l-imputat minhabba l-parentela mal-istess vittmi fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba mija u tnax -il Ewro u hamsin Ewro centezmi (€412.50c)[1] liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti *Omissis* minnu pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti thassar jew tibdel ai termini tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Dicembru 2020 moghtija fil-konfront tieghu billi tilliberah mill-htija u piena fir-rigward tal-ewwel, t-tieni, t-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u s-seba akkuza u tikkonferma n-nuqqas ta' htija fir-rigward tat-tmien u d-disa imputazzjoni.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

a. Illi fl-**ewwel** lok l-esponenti umilment jissottometti li huwa ma kellux jinsab hati li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq bintu *Omissis*. Dan ghas-segwenti ragunijiet.

    i. Huwa ma kellux ebda intenzjoni la generika u wisq inqas specifika li jikkagunalha hsara. L-esponenti jissottometti li anki l-intenzjoni generika trid element ta' prova dwar l-mens rea tieghu. F'ebda mument ma jirrizulta li l-agir tieghu kien indirizzat sabiex volontarjament jaghmel hsara. Fic-cirkostanzi u tenut kont biss tal-fatti kif esposti l-omm *Omissis* jidher li dak li ghamel kien f'mument ta' rabja. Azzjoni bruska,

[1] Rapporti tal-esperti - Dr Mariella Mangion pg 117 sa 119 €170, Dr Mario Scerri pg 200 sa 211 €242.50c

qawwija imma mhux maghmula sabiex taghmel hsara kif del resto l-ligi nostrali titlob.

ii. Mhux biss imma l-esponenti jrid ukoll jissolleva li fil-bilanc tal-kalatura ma ttiehdetx bizzejjed nkonsiderazzjoni d-differenza bejn z-zewg tobba li xehdu ghax wiehed fil-vesti ta' espert tal-Qorti u l-iehor li kkonstat bhala prattikant *"ordinarju"* fil-kors tal-proceduri li jsiru fl-isptar taghna. Dak li l-istess Qorti Onorabbli kkonstat fl-analizi dettaljata taghha bhala *"opinjoni medika"* hawn hija differenti. Dan ghax ma humiex zewg tobba fl-istess livell. Dr Mario Scerri ressaq r-rapport tieghu fil-vesti ta' espert mediku u bl-esperjenza li gabar tul dawn is-snin fis-servizz kostanti f'dawn l-Qrati.

Proprju ghalhekk li l-esponenti umilment jissottometti li kellha tipprevali mhux biss l-opinjoni imma l-prova tar-relazzjoni. Ghax kif inhuwa maghruf l-espert ma jaghtix opinjoni biss imma proceduralment huwa kkonsidrat li parti mill-provi. Ghalhekk meta huwa ddikjara li l-griehi sofferti mill-minuri m'ghandhomx ihallu marka jew debulizza permanenti dan fil-kuntest shih ta' persuna li jaf ukoll l-parametri tal-ligi. Tant l-esponenti jhossu konfortat li l-istess espert certament ha inkonsiderazzjoni li l-istess ferita fieqet f'anqas minn tlettin gurnata.

Ghalhekk l-esponenti umilment jissottometti li dawn ma kienux feriti li setghu jikkagunaw debilita permanenti mhux biss fihom innifsihom imma ukoll ghax ma wettqux dan fir-rejalta. Fuq dan l-esponenti ma jaqbilx ma dak li wasslet effettivament lil Qorti Onorabbli li ssib htija u cioe' fil-pagan 10 meta ddikjarat li *"kienu konsistenti fi ksur u kien hemm ghalhekk il-perikolu reali li dawn setghu jikkagunaw debilita permanenti f'tarbija ta' dik l-eta."*

b. Illi fit-**tieni** lok l-esponenti umilment jissottometti li ma jistghax jikkondividi l-istess konkluzzjoni tal-istess Qorti in prim istanza dwar l-artikoli 86 u 87 tal-Kodici Kriminali. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti:

i. L-esponenti umilment jissottometti li l-awturi citati mill-imsemmija fl-istess sentenza u dan wara **R-Republika ta' Malta vs Domenic Bonnici**[2] u dik **il-Pulizija vs Deemer Tabone**[3] ma humiex necessarjament precizi. Dan qiegħed jingħad għax meta wieħed jaqra l-kitba ta' **Luigi Majno** fil-**Commento al Codice Penale Italiana** wieħed jirrejalizza li l-posizzjoni tal-**Carrara** u tiegħu huma differenti. Dan joħorġ mill-fatt li d-definizzjoni ta' "*Sequestro di persona*" hija iktar parti mill-kodici taljan[4]. Fejn huwa jiddikjara :

> *"A differenza del codice Toscano , che parlava di persona rinchiusa o arrestata (art.360), e del codice sardo, che parlava di persona detenuta o sequestrate (art.199) , il codice italiano non ha volute dare, ritenendola supeflua, nessua specificazione dei mezzi coi quali questi delitti si possono commettere. Nella nozione generale del privare alcuno della liberta personale, il codice italiano comprende quindi tutte le forme che nella dottrina ricevono il nome di plagio nel senso generale di qualunque violenta o fraudolenta abduzione per fine di lucro o di vendetta (Carrara Programma, Parte Spec., vol II $1667) e non nel senso speciale attribuito a questa parola dall'art 145 del codice italiano – quello di sequestro di persona propriamente detto – e quello di carcere private proprio od improprio, seconoche' commesso pel fine di farsi giustizia o per fine di odio o di lucro. (Carrara, Programma, Parte Spec. Vol II $1674). Comprende insomma qualunque privazione di liberta', che, secondo le nozioni generali da noi esposte nel commento dell'art 145 , non merti di essere classificata soltanto come private violenza."*

[2] Deciza 5 ta' Jannar 2004
[3] Deciza 15 ta' Lulju 2016
[4] Luigi Majno Volume Secondo pag 112 parag 787

ii. L-esponenti umilment jissottometti li għalhekk l-elementi tad-delitt ma jesistux u ma jinkwadraw għal kaz in ezami. Dan qiegħed jingħad għax l-artikoli nkwistjoni ma gewx interpretati fl-isfond storiku u legali tagħhom. T-tieni għax l-verzjoni tal-imsemmija *Omissis* ma tindikax li nzammet b'vjolenza imma li ddikjarat dan biss u fl-istess waqt l-esponenti caħad li wettaq dan. Għalhekk dan id-delitt ma giex komess.

c. Illi fit-**tielet** lok l-esponenti umilment jissottometti li l-piena inflitta fuqu hija waħda qawwija tenut kont ta' dak li effettivament seħħ. Dan qiegħed jingħad għax altru l-akkuzi u altru l-effetti proprja.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2021.

Ikkunsidrat,

**Spettur Josric Mifsud** xeħed nhar is-16 ta' Gunju, 2017 u esebixxa tlett certifikati medici li gew markati bħala dok JM1, JM2 u JM3. Dok JM1 huwa certifikat mediku datat 4 ta' Gunju, 2017 rilaxxjat minn Dr Indira Ghilan Perera f'isem *Omissis* fejn it-tabib iddeskriva il-feriti li subiet *Omissis* u t-tabiba kklasifikat l-feriti bħala ta' natura gravi. Dok JM2 huwa certifikat maħrug minn Dr Maria Callus f'isem *Omissis* fejn it-tabiba ikklasifikat il-feriti bħala dawk ta' natura ħafifa datat 24 ta' Gunju, 2017. Waqt li d-dok JM3 huwa certifikat mediku datat 4 ta' Gunju, 2017 rilaxxjat minn Dr Maria Callus fil-konfront ta' *Omissis* fejn wara li ddeskriviet il-feriti li subiet *Omissis* hija kklasifikathom bħala ta' natura ħafifa.

Ix-xhud ipprezenta c-certifikat tat-twelid tat-tifla *Omissis* li għandha karta ta' identita numru 638016L liema certifikat gie markat bħala dok AD1[5] u pprezenta sitt sentenzi mogħtija mill-qrati nostrana li gew markati bħal dok AD1 sa AD 6[6] mogħtija fil-konfront tal-appellant.

[5] Fol. 146
[6] Fol. 146 sa fol. 178

Illi nhar it-23 ta' Jannar,2018 rega xehed u pprezenta sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li giet markata bhal dok AD1[7]. Fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Ottubru, 2018[8] ikkonferma li l-pulizija kienu infurmati dwar dan l-incident nhar l-4 ta' Gunju, 2017 tramite telefonata ta' *Omissis*. L-ghada l-5 ta' Gunju, 2017 l-akkuzat kien gie arrestat u kien irrilaxja stqarrija wara li kien tkellem ma Dr Carm Mifsud Bonnici u wara *Omissis* kien dahhal rapport li kien ircieva xi theddid minghand l-akkuzat kif ukol dwar il-hsarat li kien hemm fid-dar fejn kienet tghix *Omissis*

***Omissis*** xehdet nhar is-16 ta' Gunju, 2017 u spjegat li nhar is-Sibt 3 ta' Gunju 2017 hija kellha xi tghid mal-akkuzat il-partner taghha. Spjegat li huma jghixu flimkien u kienu ghadhom dehlin minn barra ghall-habta tal-10.00p.m. Dak il-hin it-televixin kien mixghul fuq stazzjon TVM u tiftakar li kienet jum l-elezzjoni. Tghid li l-akkuzat refa' idejgh fuq binthom *Omissis* ta' seba' (7) xhur li kienet qeda hdejha fuq *maxi cosy* marbuta. Dan qabadha u dawwarha bis-sahha fuq is-sodda. Tghid li taha daqqa bis-sahha fuq rasha, ghafsilha wiccha u taha daqqa go zaqqa u zewg daqqiet bis-sahha go sieqha. Bdiet tghidlu '*ieqaf ieqaf animal ha toqtolha.*' Dak il-hin irnexilha taqilghu minn maghha u telaq. Qabdet it-tifla u tefghaha fuqha. It-tifla bdiet tibki tefghatha fuqha u donnha bdiet tikkalma. Zammitha il-lejl kollu maghha. Imbaghad rega tfacca u pprova isawwat lilha kif ukoll it-tifla. Intefghet fil-kantuniera u beda jghati lilha b'tali mod qisu qed jaghti fuq punching bag.

Fl-4.30a.m qam jsajjar l-bajd bil-bacon u riedha tahsel il-platti. Hija ma riditx titlaq it-tarbija minn idejha u qaltlu li ma kienitx qed tafdah. Qallha trid taghmel hekk ghaliex fin-nuqqas qallha '*taf kemm intik jekk ma tismax mili nghidlek jiena*.' Qabdet il-cot u poggietha hdejn is-sink u tefghet il-baby mimduda wiccha 'l fuq fil-cot sakemm qadet tahsel il-platti, tazzi u d-dish li qela l-bacon. Qabad flixkun tal- Gatorade u sprejah bis-sahha ghal fuq il-baby. Staqsietu ghaliex kien ghamel hekk u biex jieqaf u ma jibqax sejjer jghamel hekk. Qaltlu li kienet ser tbiddlilha u ma riedx li tbiddlilha. Izda baqghet sakemm harget barra mill-kamra u bidlietilha. Tghid li access ghall-mobile ma kellhiex

[7] Fol. 146
[8] Fol. 302

ghaliex kieku kienet iccempel lil missierha u l-I pad kissirulha tant li esebietu u gie markat bhala dok SS1.

Ghal habta tas-7.00a.m rega beda jippanikja, jghajjarha, joffendiha u beda jghidilha li ma jridx itiha xejn. Qalet li l-akkuzat qabad zewg vazetti li kellha tal-Plasmon, u zewg bottijiet tal-halib tat-tifla u xi vasetti tal-frott taghha u ifflaxjhom fit-toilet u qallha li jekk terga tixtrilha jghamel l-istess. Bdiet tghidlu biex ma jarmihomx ghaliex kienet ghadha kif xtrathom. Imbaghad mar jghalef il-fniek fil-gallerija u nesa l-mobile fuq in-naha ta' fejn jorqod hu. Irnexilha iccempel lil papa taghha ghax kienet qed tibza li kien ser joqtolhom. Id-dar maghhom kien hemm ukoll it-tifel ta' sentejn u erba' xhur *Omissis*. Fuq it-telephone lil miseirha qalet '*Omissis ieqaf issa tibqax issawwatni, bizzejjed sawwat lili u anke lit-tifla'* u qaltghet il-linja. Wara xi ghaxar minuti habbat il-bieb u marret tiftah u ssib zewg pulizija mill-ghassa ta' Bormla u daret fuqhom u qaltilhom '*Ohorguni minn hawn, ohorguni minn hawn lili u lit-tfal....ghax ha joqtolna'* u hargu.

Mistoqsija jekk f'xi hin lit-tifla harighiex mill-cot tghid li le halliha hemm meta taha id-daqqiet. Qalet li kieku it-tifla ma kienitx marbuta l-kwisjtoni kienet tkun ghar ghaliex kien jiksrilha ghonqa bit-tisbita li taha.

Mistoqsija jekk din kienitx l-ewwel darba li refa idejgh fuq l-persuna taghha, ix-xhud tghid li le tul dak l-ahhar xahar kien qed refa idejgh fuqha u sawwatha u ma jhallihiex tohrog 'l barra. Fil-fatt kien sahansitra anke ghalaqha gewwa ghal hmsitax–il jum qabel l-incident qisha xi ostagg. Ma setghetx tieghu lit-tifel *child care,* lanqas tohrog tixtri lanqas biex tixtri l-halib ghaliex kien johrog warajha u isawwatha u kien jghidilha biex ma tkellem lil hadd u jekk jarha barra qallha li kien lest li iqattaghlha l-hwejjeg u igibha gharwiena. Qallha li jrid igenninha, li igibha f'hajja ta' dwejjaq tant li ried jehles minnha. Qallha li ma kienx jahmilha li jobghodha u li jrid joqtolha. Qalet li dak ix-xahar hadet hafna terturi u swat. Mid-dar harget imbezza u imbengla. Qalet li ma riedhiex tohrog biex ma jkollhiex kuntatt man nies u ma tghidx dwar dak li kien qed jigri fid-dar. Anke is-social workers kienu jafu li ma kienitx qed tibghat it-tifel ic *child care* u huwa kien imur jiffirmalhom.

Darba minnhom is-social workers marrulha id-dar u staqsewha ghaliex ma kienitx qed taqbad il-mobile u qaltilhom li kien kissirulha u qaltilhom b'referenza ghall-akkuzat li ma kienx qed ihalliha tohrog u tghamilha man nies u dak il-hin beda jghajjat

maghhom biex johorgulu 'l barra u beda jheddedhom. Tghid li riedha toqghod gewwa biex tilqa' d-daqqiet tieghu. Qalet li tant kienet tibza minnu li ma setghet tghamel xejn. Tghid li kieku ma kienx dak il-jum tal-4 ta' Gunju, 2017 meta nesa il-mobile tieghu fil-kamra tas-sodda u cemplet lil missierha, mejta kienu johorguha mid-dar.

Mistoqsija kemm kienet ilha fir-relazzjoni mal-akkuzat tghid li bejn sitta u seba' snin pero tghid li minn dejjem kellu idu hafifa. Qalet li sar aggressiv hafna fix-xahar qabel l-elezzjoni dejjem izid u l-ahhar hmistax-il jum kien qafilha gewwa li ma setghetx tohrog mid-dar u ma setghet taghmel kuntatt ma hadd. Meta kien isawwatha bil-lejl kienet tghidlu li ser tghajjat u kien jghidilha li jekk tghajjat idahlilha caruta f'halqha u idahlilha l-isqueezer f'halqha u jghidilha li ma jaqbillhiex tghajjat. Tghid li sahansitra kien anke jghatti il-bibien u twieqi tad-dar b'lizar ohxon biex ma jidhirx isawwatha. Hija esebiet ghaxar ritratti li gew markati bhala dok SS2 sa dok SS12 l juru l-affarijiet miksurin id-dar u l-herba li kien hemm.

Murija c-certifikati medici Dok JM1 sa JM3 tghid li l-ewwel marru ic-centru tas-sahha tal-Furjana u ratha tabiba u qaltilhom biex imorru Mater Dei u hemmhekk sabu li t-tifla kellha ksur f'sieqha. Tghid li anke hija giet ezaminata mit-tabib. Qalet li it-tifla zammewha l-isptar ghal hmistax-il jum b'saqajha it-tnejn fil-piz. Waqt li hija kellha tbengil kullimkien u fuq diversi partijiet ta' gisimha. Kien jghidilha li jixtieq jehles minnha, li joqtolha li jekk tghamillu rapport u jidhol il-habs xi darba johrog u jekk jarha barra joqtolha. Jghidilha li kien lest li jaqtalha hwejjigha bil-mus jekk jarha barra, li kien lest igibha gharwiena fit-triq.

Qalet li 'ltaqghet ma ommu u din bdiet ghajjarha kemm tiflah ukoll u tghidilha li baghtilha it-tifel il-habs u wegbitha li l-akkuzat mar il-habs fuq dak li ghamel lil bintu. Ix-xhud gharfet lill-akkuzat bhala *Omissis* missier uliedha.

Illi nhar it-23 ta' Mejju, 2018 ix-xhud regghet xehdet peremzz tal-*video conferencing* u mistoqsija x'feriti sofriet dak in-nhar tal-incident tal-4 ta' Gunju, 2017 minghand is-siheb taghha l-akkuzat tghid li spiccat kollha tbengil, kellha daqqa fuq koxxitha minn wara n-naha tal-lemin u kienet wahda hoxna hafna. Kellha tbengil kullimkien. Taha daqqiet bil-ponn go wiccha, go rasha bic-catt, bil-ponn fejn gie gie qisu qed jaghti *punching bag*. Kien igaralha hafna affarijiet fid-dar inkluz vazuni. Sahansitra anke ipprova jifgaha. Ikkonfermat ukoll ix-xhieda moghtija minnha precedentement fir-

rigward ta' dak li ghamel lil bintu *Omissis*. Mistoqsija jekk ghandhiex ricevuti tal-hsarat li sofriet bhala danni tghid li ghandha ricevuta wahda dwar il-hgieg li jammonta ghal €50. Hija pprezentat l-ircevuta relattiva li giet markata bhal dok SS1[9]. Apparti dan kellha hsarat ohra bhal kexxun li rrangat ghand il-mastrudaxxa tant li spicca bil-qiegh maqlugh. Qalet li kellha vendetta shiha tazzi imkisrin, il-hajt imcappas u l-kcina sabitha kollha hgieg. Id-dar sabitha hekk meta irritornat lura. Sa fejn taf hi meta telqet ma kienx hemm din il-herba kollha.

Illi nhar l-10 ta' Marzu, 2020 ix-xhud *Omissis* regghet xehdet fuq domanda tad-difiza u mistoqsija fuq xhiex kien inqala' l-inkwiet dakinhar tal-incident tghid li fuq ix-xejn, skuza biex jerfa idejgh fuqha. Qalet li kienet ilha tghix ma l-akkuzat ghal sitt snin u minn din ir-relazzjoni ghandhom zewgt itfal tifel li ghandu hames snin u tifla li ghalqet tlett snin f'Novembru. Mistoqsija jekk l-akkuzat huwiex qed jara lill-uliedu tghid li le u ma tahfrilux ta' ghemilu.

Rat il-proces verbal prezentat waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2017 pero stante li l-pulizija kienet gja resqet lill-akkuzat l-Qorti l-esperti nominati fl-inkjesta ma kienux lahqu irrelataw quddiem l-Magistrat ta' l-ghassa u ghalhekk pprezentaw ir-relazzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri quddiem l-akkuzat.

**PS 692 Owen Pater Pace** jghid li nhar l-4 ta' Gunju, 2017 ghall-habta tad-9.15 am dahlet telefonata waqt li kien qieghed l-ghassa ta' Bormla minghand *Omissis* li jigi missier *Omissis* fejn qalhom illi bintu *Omissis* kient ghadha kif infurmatu illi kienet qed tigi imsawta mill-partner taghha *Omissis* li gharaf prezenti fl-awla. Ghalhekk telgha fuq il-post flimkien ma PC 226 u appena fethu l bieb sabu lil *Omissis* tibki u dehret imbezza u minn taht l-ilsien bdiet tghidlu biex jghejnuha tohrog minn hemm ghax kienet qed tibza ghax kien qieghed isawwatha. Qallha biex tigbor l-affarijiet taghha u mar ikellem lilu. Dan qallu li ma kien gara xejn specjali izda li kellhom argument kif ikollhom kopji normali.

Jghid li ridet pulizija ma genbha il-hin kollu waqt li tigbor l-affarijiet taghha u ghenuha tigbor l–affarijiet taghha u tat-tfal. Ikkonferma li l-akkuzat ma kellux oggezzjoni li tiehu t-tfal maghha. l-akkuzat talabha ic-cavetta tal-karozza taghha tal-ghamla Suzuki

[9] Fol. 270

Swift u l-pulizija dar fuqha u hi qaltlu li sabiex ma jinqalax iktar inkwiet ma kellhiex oggezzjoni li tghaddilu c-cavetta.

Huma akkompanjawha l-ghassa fejn kien hemm missierha u baghtuha ic-centru tas-sahha sabiex iggib certifikati medici minhabba l-griehi li kellha u sabiex bintha tigi ezaminata ukoll. Irrizultalu li meta it-tifla giet invistata mit-tobba ta' l-isptar innotaw li kellha ksur f'saqajha kif ukoll diversi tbengil. Dak il-hin *Omissis* qaltlu li l-akkuzat kellu xi jghid maghha u beda isawwatha u jaqbad il-cot bil-baby go fih u isabtu 'l hemm u 'l hawn waqt li jghidilhom li ma jahmilhomx. Huwa pprezenta l-okkorenza li giet markata bhal dok OP1.

Din ix-xhieda hija konfermata minn PC 226 Karl Pace li akkompanja lis-surgent fuq il-post dak in-nhar ftit wara li ircevew it-telefonata minghand *Omissis*. Ikkonferma li *Omissis* kienet qed titrieghed u talbithom l-assitenza taghhom biex tohrog 'l barra mill-flat. Ikkonferma ukoll li kien hemnm traskruagni kbira fil-post li zar u cioe fi Block 1, Flat 1, Wesgha l-Knisja tan–Nattivita, Bormla.

**Alicia Cauchi** mill-Agenzija Appogg xehdet u spjegat li hija fil-vesti taghha ta' Child Protection Officer giet infurmata mill-isptar li kienet ghadha kemm idahhlet tarbija bi ksur f'saqajha. Ghalhekk nhar il-5 ta' Gunju, 2017 hija flimkien mal-kollegi taghha marru l-isptar sabiex jinvestigaw dan ir-rapport Hemmhekk sabu lil *Omissis* u din qaltilhom li kienet ilha ghaddejja minn diversi abbuzi vjolenti kif ukoll minn aggressivita minghand l-akkuzat. *Omissis* spjegatilhom li nhar it-3 ta' Gunju, 2017 hija kienet harget mal-akkuzat u mat-tfal taghhom. Appena irritornaw lura id-dar kien hemm argument bejnha u bejn is-siheb taghha l-akkuzat. Qaltilha li l-akkuzat sar aggressiv hafna tant li qabad il-*car seat* bit-tifla go fiha u waddabha fuq is-sodda u wara rega dawwarha u hemmhekk ghafsilha rasha ghafsilha sidirha u l-wardiet ta' wiccha. Fil-fatt it-tifla kellha marka fuq il-wardiet ta' wiccha kif ukoll tghid li taha daqqa go sieqha. Hija ppruvat tipprotegi lil bintha u marret biex tigbor lit-tifla u dak il-hin l-akkuzat dar fuqha u irwilha idejha.

Tghid li imbaghad irnexxilha taqbad it-tifla u haditha maghha fil-kamra ta' barra biex tikkalmaha. Qalet li ma setghet taghmel l-ebda kuntatt man nies ta' barra ghaliex kien qatghalha kul mezz ta' komunikazzjoni. Waqt li kienet fil-kamra ta' barra l-akkuzat

beda jinsisti maghhom biex jidhlu fil-kamra ta' gewwa ghax beza mill-girien li minhabba l-biki tat-tifla setghu jindunaw xi haga.

Qalet li imbaghad irnexxilha tramite il-mobile tal-akkuzat iccempel lil missierha u ftit wara waslu l-pulizija. Qalet li waqt li kienet l-isptar rat li *Omissis* kellha diversi tbengil madwar gisimha kollu inkluz il-parti ta' wara tal-koxxa u qaltilhom li gew kagunati mill-akkuzat. It-tarbija ukoll kellha diversi tbengil u *Omissis* allegat li dawn gew kagunati ukoll mill-akkuzat. Ikkonfermat li *Omissis* hadmet fil-vicin taghhom biex tassigura is-sigurta ta' uleidha. Tghid li fil-passat kien hemm ukoll haddiema socjali li kienu qedin isegwu l-kaz ta' meta *Omissis* kien ghadha tqila bl-ewwel wild taghha.

***Omissis*** missier *Omissis* jghid li kien icempel lil bintu iktar twiegbu milli le u meta twiegbu kienet tghidlu '*Dad alright jien'* u taqtalu. Darba minnhom qaltlu li kien waqa' vazun fuq saqajha u ma felhitx timxi. Darb' ohra qaltlu li zelqet u habtet rasha mas-sink u li qasmet rasha u kien qed jissuspetta li kien hemm xi haga hazina.

Jghid li darba minnhom bintu *Omissis* kienet marret hdejh mal-akkuzat li gharaf prezenti fl-Awla u huwa hareg ikellem liz- zghir u dak il-hin qalet li kellha bzonn tmur it-toilet u l-akkuzat wara hames minuti dar fuqha u qallha '*issa qamlek ghax nitfek ghal wiccek*'. Dak il-hin issammar u mar wara l-bieb tal-hanut u staqsiha hija u hierga mit-toilet jekk kien sema sew u din wigbitu iva u telqet tigri. Dejjem bil-bizghat. B'referenza ghal din il-kawza jghid li kien cemplilha fuq il-mobile u fuq tad-dar u ma twegbux u darba minnhom cemplitlu u flok ma qaltlu '*awn dad kif inti' qalet* ' Daqshekk *Omissis*' qaltlu '*xbajt issawwatna lili u t-tifla l-lejl kollu'* qaltli '*weggajtna u qatghatli'*. Huwa cempel l-ghassa jigri u qalilhom li bintu kienet qed tigi imsawta. Rega cemplilhom wara seba' minuti u qalulu li kienu mat-triq ghandha. Huwa ghalaq il-hanut li ghandu Putirjal u mar Bormla.

Ftakar li kien l-ghada tal-elezzjoni bhala jum. Imbaghad jghid li l-akkuzat beda icempillu bil '*hash'* u ma iwegbux u mar isibu il-hanut tieghu Putirjal. Staqsih fejn kienet *Omissis* u qallha li ma kienitx hemm u qallu li irid jara it-tfal u qallu '*trid tara t-tfal missek tisthi lil bintek ta' sitt xhur kissirtilha saqajha'*. Imbaghad telaq min hdejh u mar jigri lejn l-isptar u huwa cempel lill-pullizija. Meta kelmu fuq it-telephone qallu l-kliem '*Issa thallas ta' kollox'* u huwa fehem li issa mis lilu u jlaqqat kollox hu.

Qal li wara dahal fid-dar ta' bintu hdejn il-mini ta' Bormla u ra li kien hemm hafna tkissir fl-ghamara li kien pprovdilhom hafna minnha hu. Jghid li kien gibed xi ritratti u ghaddihom lis-social worker. Qal li kien hemm l-mirja tal-gwardarobba miksura ma l-art u disastru kien hemm. Ikkonferma li l-akkuzat huwa is-siheb ta' bintu u missier iz-zewg ulied taghha.

**Dr Mariella Mangion** konsulenta fil-Pedjatrija xehdet u kkonfermat li kienet ezaminat giet nominata fl-atti tal-inkejsta sabiex tezamina lil *Omissis* u dan b'digriet tal-Magistrat ta' l-ghassa. Fil-fatt l-ezami sar fil-5 ta' Gunju, 2017 fis-sala Fairyland Mater Dei fil-prezenza ta' ommha *Omissis*. Qalet li t-tifla kienet iddahlet il-lejl ta' qabel peress li kellha ksur f'riglejha tal-lemin '*fracture of the right femur*'. Spjegat dak li kienet qaltilha *Omissis*. Qaltilha kif hija qabdet lil bintha biex tipprotegiha mill-aggressjoni ta' missierha dan beda ighati lilha. Qaltilha li kienu ilhom xaghrejn bejn wiehed u iehor li l-affarijiet ta' bejneithom iddeterjoraw tant li xi jumejn qabel dan l-incident missier it-tifla kien qabad u taha daqqa ta' harta f'wicc it-tarbija ghaliex kienet qed tibki. Hija ezaminatha u sabet li kellha xi tbengil u girfa zghira. Hija esebiet zewg ritratti mehuda minnha li gew markati bhal dok MM1 u MM2. Hija esebiet ukoll lir-rapport taghha bil-miktub li gie markat bhal dok MM3. Hija kklassifikat l-feriti bhala dawk ta' natura gravi stante l-ksur, pero qalet li minn dak in-nhar 'l hawn hija regghet rat it-tifla u li l-ksur kien fieq u li bazikament it-tifla kienet normali. Hija ma ezaminatx lil omm dakinhar ghaliex hija Pedjatra tat-tfal.

Minn ezami fiziku tat-tarbija ta' tmien xhur irrizulta minn esami tar-rapport dok MM3 li din it-tarbija apparti li kellha ksur fis-sieq tal-lemin kellha s-segwenti feriti:-

**Fil-wicc**

1. Tbengila safra ta' 1cm djamteru fic-centru tal-gbin, 1 cm l-isfel mill-linja tax-xaghar.

2. Tbengila safra ta' 1cm dijametru fuq in-naha tax-xellug tal-gbin.

3. Tbengila safra ta' 1cm dijametru fuq in-naha tax-xellug tal-wicc u quddiem il-gidna.

4. Tbengila vojta ta' forma rectangolari u ta' circa 1.4cm x 1cm fic-centru tal-haddejn tax-xellug.

5. Tbengila safra 1cm dijametru f'nofs il-haddejn tal-lemin u tbengila ohra simili fil-genb tal-wicc u quddiem il-widna tal-lemin.

6. Girfa zghira ta' 2mm fuq il-ponta tal-imniher.

7. Girfa zghira ta' 3mm ftit 'l fuq mix-xoffa fuq in-naha tax-xellug.

8. Girfa ta' 1cm fuq in-naha ta' isfel tal-parti tax-xellug ta'l-ghonq.

Ikkonkludiet li ksur dejjem suspettuz ta' abbuz fiziku dan ghaliex tarbija ta' din l-eta ma tkunx ghada telqet timxi u allura ma tistax tkun wegghet lilha innifisha b'mod accidentali.

**Lara Bonnici** Social Worker mal-Komunita ta' Kottonera stqarret li kienet ilha taf il-familja *Omissis* xi sentejn u nofs. Tghid li kellha referral fil-passat minhabba problema ta' abbuz ta' droga. Qalet li minn dak in-nhar 'l quddiem zammet kuntatt maghhom u tara x'kienu l-bzonnijiet taghhom. Dak iz-zmien kienu jghixu mal-genituri ta' *Omissis*. Izda qara ftit inghatalhom post mill-housing u donnhom issetiljaw iktar. Qalet li *Omissis* kienet tmur il-*mother and baby group* tal-Kottonera u kienet tippartecipa b'mod attiv hafna. Qalet li kienet tmur ic-child care mat-tfal, waqt li *Omissis* kien jahdem. Dak iz-zmien kollox kien jidher mixi sew.

Qalet xi hmistax qabel dan l-incident indunat li kien hemm xi haga li ma kienitx sew ghaliex kienet irceviet telefonata mic-*child care* ta' *Omissis* fejn giet infurmata li kien ilu ma jmur *child care* ghal zmien twil u qabel qatt ma kienet tfallilu.

Qalet li imbaghad missier *Omissis* kien gharrafhom li *Omissis* kien qed isawwat lil *Omissis* u ppruvaw jikkomunikaw maghha izda ghal xejn ghax ma setghux jghamlu kuntatt maghha. Ghamlu kuntatt ma l-ghassa u minn hemm irnexxilhom jitkelmu ma *Omissis* u ghamlu *home visit.* It-tfal kienu prezenti ghal din il-laqgha u l-atmosfera inhasset li kienet *tense* hafna u fil-fatt *Omissis* qaltilha li ma kienitx qeda sew hemm gew. Staqsewha jekk rieditx tidhol f' shelter u ghalkemm xtaqet tmur go shelter hasset li kellha tghin lil *Omissis* bil-problemi tieghu u ma tfarrakx familja. Dak in-nhar li

marru ghandha hija damet biex tiftah il-bieb li ma kienx normali. Meta fethet raw li kellha tbengil li ppruvat tahbi bil-foundation ftit tal-hin qabel. Bdiet tkellimhom b'vuci baxx hafna biex ma tantx tinstema, id-dar ma kienitx organizzata bhas-soltu izda l-affairjiet dehru imharbtin. Ftakret ukoll li meta gew biex jitilqu t-tifel iz-zghir ried imur maghhom li mhux soltu ghaliex dejjem ikun irid joqghod mal-mummy. Hasset li *Omissis* ridet tghidilhom aktar pero ma setghetx ghaliex *Omissis* kien il-hin kollu diehel u hiereg mill-kamra fejn kienu. *Omissis* zgur li dehret imbezza hafna.

**PS 931 Carmel Zarb** jghid li nhar il-5 ta' Gunju, 2017 ghall-habta tal-10.30am ircieva telefonata mill-Agenzija Appogg fejn infurmah li t-tarbija kienet qed tbaghti minn ksur f'saqajha u anke kellha tbengil f'wiccha u qalulu ukoll li omm it-tarbija kienet qaltilhom li missier it-tarbija kien sabbat it-tifla ma l-art, beda itiha f'wiccha u beda anke jghajjarha gurdien u ghalhek ghamel *update* fil- PIERS report.

Dak in-nhar stess ghall- habta tal-5.30p.m cempilu *Omissis* u qallu li jrid jghamel rapport kontra *Omissis* u dan qallu li kien cempillu xi tmien darbiet u li kien qed jheddu u li ried jara lil uliedu, qallu li ' *Issa gej ghalik u ha tkompli tlaqqat kollox inti*' u li fil-fatt vera marlu fuq il-post tax-xoghol. L-akkuzat kien arrestat u ftit tal-hin wara gie mistoqsi mill-ispettur biex iwaslu il-habs.

**Dr Mario Scerri** xehed u kkonferma li kien gie nominat b'digriet ta' l-ewwel Qorti tat-12 ta' Dicembru, 2017 biex jezamina lil *Omissis* u kkonferma li ma kien hemm l-ebda difett fil-funzjoni jew fl-ghamla jew xi difett permanenti fis-sahha tat-tarbija. Qal li huwa ezaminha fis-17 ta' Jannar 2017 pero din kellha tkun 2018. Ikkonferma li min-notamenti li ittihdu gewwa l-ipstar it-tarbija *Omissis* kellha ksur fil- mid-shaft tal-femur tal-lemin u li lezjoni kienet wahda ta' natura gravi per durata pero stante l-eta tenera taghha mhux suppost thallilha xi dubilizza permanenti. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie market bhala dok MS1.

**PC 786 Stephen Casha** stazzjonat id-dipartiment tal-Emergenza ta' l-isptar Mater Dei xehed u kkonferma li kien ircieva rapport li kienet dahlet persuna bl-isem *Omissis* nhar l-4 ta' Gunju,2017 akkompanjatha ma bintha *Omissis* liema tarbija kienet qed issofri min ksur f'saqajha. Gie infurmat li dan kien kagun ta' xi argument familjari u ghalhekk informa l-ghassa tal-pulizja ta' gewwa Bormla sabiex jihdu azzjoni biex jinvestigaw il-kaz.

**Dr. Indika Thilan Swami Pandikoralage Perera** giet murija id-dokument a fol 34 u tghid li dan hu *'patient certification form'* miktub minnha datat 4 ta' Gunju, 2017 fil-konfront ta' *Omissis* u kkonfermat il-feriti li rat dakinhar kif deskritti fic-certifikat stess. Hija kklasifikat dawn il-feriti ghal darb' ohra bhala ta' natura gravi u stante l-feriti li kien hemm irrferiet il-pazjenta fid-dipartiment tal-Pedjatrija u kkonfermat li t-tarbija giet ammessa l-isptar.

**Dr Maria Callus** giet murija ic-certifkati esebitifil-process a fol 35 u 36 u tikkonferma l-kontenut taghhom u tiddikjars li kienet hi li ezaminat lil *Omissis* u *Omissis* nhar l-4 ta' Gunju, 2017.

**Dr Massimo Abela** kkonferma li kien l-konsulent Ortopaediki tal-ghassa nhar l-4 ta' Gunju, 2017 u fil-fatt kien pogga it-tarbija '*on traction*' sas-16 ta' Gunju, 2017 meta giet *discharged* mill-ipstar. Iddeskriva l-feriti taghha bhala dawk ta' natura gravi per durata izda mhumiex ser ihallu xi disabilita. Huwa pprezenta *discharge letter* li giet markata bhal dok MA1[10].

**Dr Mark Portelli** Kirurgu Otopediku kkonferma li kien gie nominat minn l-ewwel Qorti biex jezamina lit-tarbija u ghamel dan fl-1 ta' Novembru, 2016. Huwa ha l-istorja mill-file mediku. Huwa kklasifika l-feriti li ssubiet *Omissis* fl-4 ta' Gunju 2017 bahla dawk ta' natura gravi per durata. Mistoqsi jekk huwiex ser ikollha debilita jghid le assolutament le.

L-akkuzat ***Omissis*** ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri kif kellu kul dritt pero a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irralxja stqarrija u dan wara li kien tkellem mal-avukat difensur tieghu Dr Carm Mifsud Bonnici. Din l-istqarrija tinsab esebitafl-atti markata bhala dok JM1[11] . F' din l-istqarrija kkonferma li *Omissis* hija l-partner tieghu u li ghandhom zewgt itfal flimkien *Omissis* li dak iz-zmien kellu sentejn u nofs u *Omissis* li kelha seba' xhur. Mgharraf li *Omissis* ghamlet rapport fejn qalet li kellha xi tghid mieghu u li huwa qabad u waqqa' it-tifla ma l-art u bhala risultat kellha ksur f saqajha iwiegeb li jiddispjacih izda m'ghamilhiex apposta. Qal *'waqqajniha minn fuq is-sodda hux, ghax it-tnejn konna qed niggieldu.'* Mistoqsija ekk kienx hu li qabad il-*carry cot* bit-tarbija fiha u tefaghha u b'hekk wegghet jghid li mhux minnu. Qal li t-tarbija

[10] Fol. 324
[11] Fol. 8

waqghet ghaliex kienu ( hu u *Omissis*) qed jiggieldu bl-idejn fuq is-sodda u laqtuha. Mistoqsi jekk ghandux xi haga ohra xi jghid stqarr li jixtieq jirranga ma *Omissis* sabiex l-affarijiet jigu lura ghal li kienu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti prezentati quddiem l-ewwel Qorti

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

L-akkuzat fost akkuzi ohra instab hati mill-ewwel Qorti talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' bintu *Omissis* li dak in-nhar kellha seba' xhur u talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq is-sihba tieghu *Omissis*. Fir-rigward tal-feriti subiti mill-minuri *Omissis* l-Magistrat ta' l-ghassa kienet innomiant lil konsulent Pedjatriku Dr Mariella Mangion sabiex tezamina lit-tarbija u dan a tempo vergine li infethet l-inkjesta. Dr Mariella Mangion xehdet f' dawn il-proceduri u esebiet ir-rapport taghha u iddiskreviet il-feriti subiti mill-minuri fix-xhieda taghha kif rapportati aktar 'l fuq. Fost id-diversi feriti li rriskontrat tghid li t-tarbija kellha ksur tal-femur tas-sieq il-leminija u tali ferita hija ta' natura gravi. Dan il-fattur hu ukoll konfermat minn Dr Massimo Abela konsulent Ortopediku li assista lit-tarbija gewwa l-isptar Mater Dei ftit wara li sehh l-incident u minn Dr Mark Portelli konsulent Ortopediku nominat mill-ewwel Qorti biex jezamina lit-tarbija. Dawn iz-zewg konsulenti it-tnejn kkonfermaw li l-ferita konsistenti fi ksur tal- femur hija ferita ta' natura gravi. Mistoqsija jekk tali ferita hiex ser thalli disabilita permanenti jghidu li le u li infatti it-tarbija illum fieqet tajjeb. Dr Mario Scerri nominat fl-inkejsta ukoll xehed f'dawn il-proceduri u pprezenta ir-relazzjoni tieghu u kkonferma li l-ferita subita minn *Omissis* hija wahda ta' natura gravi kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Il-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront ta' *Omissis*. Dan l-**artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali** inter alia jgħid hekk :

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta'*

*priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu -*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li illum il-gurnata it-tarbija fieqet u ma ghandha l-ebda disabilita permanenti pero dan ma jfissirx li fil-mument meta sehh il-ksur tali offiza ma setghetx iggib perikolu f'xi funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew xi difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u cioe fis-sieq. Il-ligi ma titkellimx billi tghid li l-ferita gabet wahda mill-kundizzjonijeit imsemmija fis-sub incizi (i) sa (iv) izda tghid *' li tista ggib'*.

Ghalhekk kif tajjeb ghamlet l-ewwel Qorti meta ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Joseph Azopardi</u>**[12] li sabiex ferita tigi klassifikata l-Qorti ghandha tisma lit-tobba li jkunu ezamianw lil vitma u tara dak li huma irriskontraw bhala fatt. Nauralment it-tabib espert li f'dan il-kaz kienu tnejn Dr Mariella Mangion Konsulent Pedjatrika u Dr. Mark Portelli Konsulent Kirurgu u t-tnejn ikkonkludew li tali ferita ta' ksur tal-femur jammonta ghal ferita ta' natura gravi. Imbaghad sta ghal gudikant jara jekk jaqbilx ma din il-klassifikazzjoni maghmula mit-tobba u f'kaz li ma jaqbilx maghhom ghandu jaghti ir-ragunijiet tieghu u dan ghaliex l-ligi stess tippermetti li l-gudikant mhux marbut mal-konkluzjonijiet tal-esperti anke dawk nominati minnu.[13]

Fil-fatt *huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa*[14].

Illi allura l-konkluzjonijiet tal-espert nominat fl-*in genere* u dak nominat fil-kumpilazzjoni ma jistghux jigu skartati mill-Qorti unikament ghar-raguni li l-

[12] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2004
[13] Artikolu 656 tal-kodici Kriminali
[14] Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (rikors nru. 30/15MCH).

appellant huwa tal-fehma li tali ksur ma kienitx xi ferita li setghet tikkaguna debilita permanenti.

L-appellant jghid fir-rikors tieghu u fit-trattazzjoni li saret mill-avukat difensur tieghu li l-appellant ma kellux intensjoni li jikkawza hsara fil-gisem tat-tarbija u dak li ghamel ghamlu f'mument ta' rabja. Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-appellant li dak li ghamel ghamlu f'mument ta' rabja ma taqbilx li l-aggressivita kontinwa tieghu kienet wahda involontarja u dan ghaliex meta omm it-tarbija bdiet twaqfu xorta baqa' ghaddej b'ghemilu. Kif rapportat minn *Omissis* u mhux kontradett mill-appellant mill-grad ta' forza uzata mill-appellant waqt dawn l-episodji jista' jingħad huwa ippreveda l-possibilita li b'dak li kien qed jagħmel seta' jikkaġuna ħsara u għalkemm seta ma riedx dik il-ħsara huwa kien indifferenti għall-konsegwenza ta' għemilu b'mod li xorta għamel l-att li kkaġuna l-ħsara (intenzjoni pożittiva indiretta). Fil-fatt meta PS 692 staqsih x kien gara meta mar ikelmu gewwa daru iwiegeb " *li ma kien gara xejn specjali izda li kellhom argument kif ikollhom kopji normali*" u din l-indifferezna tohrog meta jitkellem b'da nil-mod appena kien kiser saqajn bintu, tarbija ta' seba' xhur.

Mhux hekk biss izda meta *Omissis* qabdet it-tarbija u zammitha maghha l-appellant baqa' ghaddej bl-aggressivita u vjolenza tant li beda jattakka lil *Omissis* u kkagunalha diversi feriti, ilkoll ta' natura hafifa kif deskritti mit-tabib Dr Maria Callus fejn iddiskreviet fic-certifikat taghha dok JM 3[15] id-diversi feriti konsistenti f'tbengil, f'diversi partijiet ta' gisimha. Il-Qorti rat in-numru kbir ta' tbengil li rriskontrat it-tabib fuq il-persuna ta' *Omissis* u ghalhekk dawn gew klassifikati bhala ta' natura hafifa huma indikazzjoni tal-karattru abbusiv, determinanti u vjolenti tal-appellant li jaqbad u jaggredixxi lil bintu ta' sebgha xhur u lil omm uliedu, is-sihba tieghu f'mument meta hija proprju kienet qed tipprotegi lil binthom mill-aggressjoni tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak li stqarr fl-istatement tieghu l-appellant li juri certu non kuranza ghall bintu Huwa jghid li l-feriti gew kagunati ghaliex waqt li kien qed jiggieled bl-idejn mas-sihba tieghu bintu kienet fuq is-sodda u ex admisses jghid " *waqqajniha minn fuq is-sodda. Ux ghax it-tnejn konna qed niggieldu*". Meta l-konsulenta Dr Magnion giet mistoqsija jekk tali feriti setghux gew kagunati bla intervent ta' terza persuna wiegbet li huwa improbabbli stante li t-tifla ma kienitx

[15] Fol. 30

timxi u ghalhekk kien difficli li tikser saqajgha. Din il-Qorti taqbel mal-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-feriti subiti minn *Omissis* u ommha *Omissis*.

Fit-tieni lok l-appellant jghid li l-ewwel Qorte ma kellhiex issib lill-appellant hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna stante li l-elementi tad-delitt ma jezistux u ma jinkwadrawx ghal kaz in ezami.

L-**artikolu 86 tal-Kap 9** jiddisponi li:

"*Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li finhom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm je jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.*"

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li l-appellant jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-appellant ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min naha l-ohra, jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil *Omissis*?

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, z-zamma ta' persuna f' dan il-kaz ta' *Omissis* f'post fejn hija ma tkunx tista tallontana ruhha minnu liberament. Mhux il-kaz li irid ikun hemm vjolenza fisika kif stqarr l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu u dan ghaliex fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits*.' [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar**[16] .]

**Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale**[17] jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna billi jghid:

[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nahr is-16 ta' Novembru 1990
[17] a fol 112 para. 788; Vol II

> *"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso"*

Ma jirrizultax veru li kien hemm xi forza fizika fit-tehid tal-vitma fid-dar fejn kienet tghix mal-akkuzat. Pero jirrizulta bla tlaqliq ta' xejn u b'mod assolut li l-vittma instabet gewwa id-dar mizmuma mill-agir vjolenti tal-appellant. Ex admisses tghid:

> *" Qalet li sar aggressiv hafna fix-xahar qabel l-elezzjoni dejjem izid u l-ahhar hmistax-il jum kien qafilha gewwa li ma setghetx tohrog mid-dar u ma setghet taghmel kuntatt ma hadd. Meta kien isawwatha bil-lejl kienet tghidlu li ser tghajjat u kien jghidilha li jekk tghajjat idahlilha caruta f'halqha u idahlilha l-isqueezer f'halqha u jghidilha li ma jaqbillhiex tghajjat. Tghid li sahansitra kien anke jghatti il-bibien u twieqi tad-dar b'lizar ohxon biex ma jidhirx isawwatha".*

Agir li huwa wiehed barbaru u tat-tkexkix. Agir li imepdixxa lil *Omissis* titlaq mid-dar minghajr l-assistenza tal-pulizija. Jirrizulta li fil-fatt l-appellant kien nehhilha kul kuntatt mad-dinja ta' barra tant li kisrilha l-I pad, kisilha l-mobile phone u nehhilha kul access ghat telefon inkluz dak tieghu. Kien izommha fil-kamra ta' wara biex il-girien ma jindunaw b'xejn, Ma kienx ihalliha tiehu it-tifel ic-*child care* tant li anke social workers tal- komunita ta' Kottonera indunaw li kien hemm xi haga hazina u kien biss meta irnexxilha tiehu l-*mobile phone* tal-appellant minghajr l-awtorizazzjoni tieghu li irnexxilha iccempel lil missierha fejn talbitu l-ghajnuna u kien biss bl-intervent tal-pulizija li irnexxilha titlaq mid-dar.

Ma hemmx dubbju li l-vitma kienet imwerwra mill-appellant tant li lanqas meta kien hemm is-social worker id-dar ma setghet tikellem liberament ghaliex l-appellant kien diehel u hiereg mill-kamra pero is-social worker kif stqarret hi stess hasset li *Omissis* xtaqet tghidilha iktar izda ma setghetx. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet korretta meta kkonkludiet li fil-fatt *Omissis* kienet mizmuma bhala ostagg.

Illi fit-tielet lok u b'mod sussidjarju l-appellant qiegħed jitlob bla pregudizzju għall-aggravji tiegħu l-oħra li l-piena imposta fuqu tiġi ridotta. F'appell magħmul mill-piena, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx legalment żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**[18] :

> *"It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used*

[18] Deciz mill-Qorti Kriminal nhar il-25 ta' Awwissu 2005

*(either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction".*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs Marco Zarb**[19], din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li lappellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

[19] Deciz mill-Qorti Kriminal nhar il-15 ta' Dicembru 2005

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** [20]fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> *"Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq ilpiena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science"*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li lQorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant ġie kundannat għal sentenza ta' erba' (4)snin priġunerija. Il-ġurisprudenza tgħallem li bħala regola, każijiet t'offiżi fuq il-

[20] Deciz mill-Qorti Kriminal nhar is-16 ta' Frar 2009

persuna għandhom ikunu puniti b'piena karċerarji effettivi, u tqis ukoll li anke f'dan il-każ, il-piena idoneja kellha, kellha tkun dik ta' priġunerija[21] .

Kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**[22] : -

> *"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika ."*

Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici** [23] .

Il-Qorti rat ir-ragunijiet li waslu lill-ewwel Qorti terroga piena ta' prigunerija b'mod partikolari is-segwenti:-

1. Li l-appellant huwa recidiv u din il-Qorti **izzid** b'diversi sentenzi tal-Qorti.

2. Il-gravita tar-reati li taghhom l-appellant instab hati fosthom li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq bintu stess tarbija ta' sebgha xhur. Tarbija li ma setghetx tiddefendi ruhha mill-agir inaspettat ta' missier.

Din il-Qorti pero izzid is-segwenti:

3. Il-fatt li zamm lis-sihba tieghu omm uliedu fi stat ta' twerwir sekwestrata imbezza li ser tigi maqtula.

4. Il-fatt li ikkaguna feriti ta' natura hfief fuq is-sihba tieghu omm uliedu.

5. L-antecidenti refrettarju tieghu fejn jirrizulta li l-appellant ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu tul medda ta' snin. Bizzejjed jinghad li mis-sena 2006 sas

[21] Vie Pulizija vs Ommisses. Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminal 24 ta' Novembru 2004
[22] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-20 ta' Lulju 2004
[23] Deciz mill-Qorti Kriminal nhar nhar il-11 ta' Novembru 2004

sena 2015 instab hati ta' multiplici reati u minkejja li inghata sentenzi ta' prigunerija dawn ma servewx bhala detterrent ta' kif ghandu igib ruhu f'socjeta demokratika.

6. Li, matul dawn is-snin kollha hu ma wera ebda sinjal ta' riforma anzi kompla jirranka fil-hajja kriminuza tieghu, b' mod li llum huwa recidiv plurizmu w jidher li jirrapprezenta minaccja ghas-socjeta'.

Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena li trid tigi errogata minn din il-Qorti. Fil-prinċipju għalhekk il-piena errogata mill-Qorti tal-Maġistrati kienet dik indikata għall-każ u ma kienetx piena żbaljata fil-prinċipju.

Mill-banda l-oħra l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha twassal sabiex hu jkollu riduzzjoni fil-piena.

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta' dawk l-akkuzi fejn instab hati taghhom fosthom l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet(3), ir-raba (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba akkuza u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux hati tat-tmien (8) u disa' (9) akkuza minn liema akkuzi gie illiberat. Tikkonfermaha fir-rigward tal-piena imposta ghar- rigward ir-reati li taghom instab hati.

Din il-Qorti pero' ma hiex qed tikkonferma l-Ordni ta' hrug ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali peress li din hija *interim measure* li tista tinghata mill-qorti *pendent lite* u mhux bhala parti minn sentenza finali. Ghalhekk qeda tirrevoka tali Ordni. Pero' minflokk qeda torbot lil hati taht garanzija ai termini tal-artikolu 383(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li ma jimmolestax lil *Omissis*, lil bintu *Omissis* u *Omissis* ghall-perijodu ta' sena mill illum taht penali ta' elfejn euro (€2,000) fin-nuqqas.

Sabiex tigi potetta l-identita tal-vitma koncernati din il-Qorti tordna id-divjett tal-publikazzjoni ta' isem il-vitmi kollha kif ukoll isem l-appellant minhabba l-parentela mal-istess vitmi f'kul mezz ta' komunikazzjoni

Qeda tikkonferma l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti sabiex l-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi f'dan il-process b'referenza ghar-relazzjoni tal-espert Dr Mariella Mangion fl-ammont ta' €412.50 u dan fi zmien sitt xhur mill illum.

Tordna ghalhekk li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tiehu hsieb tigbor dawn l-ispejjez dovuti lil Gvern ta' Malta

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur